MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 551/2010

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Giuseppe Puglisi, iben Rosario, imwieledCatania fis-27 ta' Lulju, 1963, Karta ta' l-Identita numru 16895A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli ġewwa San Ġiljan, fil-25 ta' Mejju, 2010 għal ħabta tas-6.45 p.m. ikkkometta serq ta' diversi oġġetti valur ta' aktar minn €400 minn vettura tal-għamla Maruti Zen, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBS 658, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda li ma jeċċedix €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta' Luke Refalo u/jew persuni oħra;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fl-

imsemmija vettura, liema ħsara teċċedi €11.65 iżda ma teċċedix €116.47, li saret għad-dannu ta' l-imsemmi Luke Refalo u/jew persuni oħra;
3. talli kiser il-provvediment ta' sentenza ta' priġunerija għal sentejn sospiża għal erba' snin mogħtija lilu fis-7 ta' Novembru, 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta lill-imputat bħala reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Novembru, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

F'każ ta' ħtija l-Qorti hija mitluba li tikkonsidra li l-imputat kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provvizorja mposti mill-Qorti tal-Maġistrati fid-29 ta' April, 2010, li ma jikkomettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta' €5,000, fost kondizzjonijiet oħra, kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti.

Il-Qorti hi mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Giuseppe Puglisi u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €5,000 bħala ġaranzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta .

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(ċ), 579(2), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' ħmistax il-xahar priġunerija. Minbarra dan, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza tas-7 ta' Novembru, 2008 fejn l-imputat ġie ikkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija

tibda sseħħ.  Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------